**TRIBUNAL INDUSTRIJALI**

**DECIZJONI NUMRU: 2454**

**Kaz Numru: 2595/JD**

**Fil-Kwistjoni tax-Xoghol**

**bejn:**

**Publius Davison**

**u**

**De La Rue Currency and Security Print Limited**

**dwar: tkeccija mill-impjieg allegata li hi ngusta**

***Chairman*: Is-Sur Joseph Delia BA(Hons)(Econ), FIPD**

**Nhar il-Hamis 15 ta' Dicembru, 2016**

**Introduzzjoni**

Fuq ordni tal-Qorti ta' l-Appell (Qorti Nferjuri, Appell Civili numru 26/2012AE) permezz tas-Sentenza Taghha tas-27 ta' April 2016 it-Tribunal Industrijali ssejjah biex jaghti rimedju skond il-Ligi wara li l-istess Qorti hassret u rrevokat id-Decizjoni Numru 2155 tal-4 ta' Gunju 2012 tat-Tribunal Industrijali fil-Kwistjoni tax-Xoghol bejn Publius Davison u De La Rue Currency and Security Print Limited. Ic-*Chairman* tat-Tribunal l-Avukat Martin Fenech irrinunzja mill-Kaz stante illi huwa kien ippronunzja ruhhu fuq il-mertu tal-Kaz. Imbaghad il-Kaz gie assenjat lit-Tribunal hekk kif ippresjedut.

It-Tribunal sejjah liz-zewg partijiet biex jaghmlu trattazzjonijiet ulterjuri; dawn saru nhar il-24 ta' Novembru 2016.

Qabel bdew dat-trattazzjonijiet ic-*Chairman* assikura li kien hemm qbil bejn il-partijiet rigward *data* li tidher fl-atti izda li mhux ippruvata, li permezz tat-tali qbil, iz-zewg partijiet accettaw il-

veracita' tad-*data* li tidher fil-kunsiderazzjonijiet illi t-Tribunal ha biex jasal ghad-decizjoni. ("it-Tribunal irid joqghod fuq dak illi ghandu quddiemu", [1] u "Dak jirrizulta mill-atti" [2]).

**Trattazzjonijiet Ulterjuri**

F'dat-trattazzjonijiet ir-rikorrent kien assistit mill-Avukat Robert Abela, filwaqt illi s-Socjeta` Ntimata kienet irrapprezentata mill-Avukat Andrew Borg Cardona.

Is-Socjeta Ntimata rrilevat illi:

1. filwaqt illi t-Tribunal hekk kif ippresjedut qed jikkonsidra x'kumpens ghandu jinghata, "wara dak illi gie stabbilit mill-Qorti tal-Appell wara tkeccija ngusta, ftit li xejn tezisti gwida fil-Ligi u fis-sentenzi tal-Qorti tal-Appell dwar kif il-kumpens ghandu jigi kkalkulat" [3] ;

2. ghalkemm fil-kunsiderazzjonijiet tieghu biex jaghti kumpens it-Tribunal ghandu elementi bhal perjodu li r-rikorrent dam bla xoghol, kemm kellu paga fil-*job* il-gdid illi ha, id-data ta' l-irtirar tas-Sur Davison, kienx hemm aspettativa ta' *terminal benefits*, it-Tribunal ma ghandux jassumi li ghandu *carte blanche* biex jikkalkula u jghodd flimkien l-ammont ta' flus ikkoncernat [4] ;

3. il-kunsiderazzjoni li ghandu jiehu t-Tribunal hija li wara t-tkeccija r-rikorrent beda jahdem – irrispettivament jekk ix-xoghol li sab kienx ihallsu aktar jew anqas mill-*job* illi kellu mad-De la Rue, u dan ghaliex is-sitwazzjoni ta' tkeccija gabha, almenu parzjalment, hu nnifsu [5] ;

---

[1] Dr Andrew Borg Cardona, f'pagna 2 tat-traskrizzjoni tas-seduta tal-24 ta' Novembru 2016
[2] Dr Robert Abela, f'pagna 3, tat-traskrizzjoni tas-seduta tal-24 ta' Novembru 2016
[3] Dr Andrew Borg Cardona f'pagna 3 tat-traskrizzjoni tas-seduta tal-24 ta' Novembru 2016
[4] pagni 4 u 5 tat-traskrizzjoni tas-seduta tal-24 ta' Novembru 2016
[5] pagna 5 tat-traskrizzjoni tas-seduta tal-24 ta' Novembru 2016

4. il-Qorti tal-Appell ma qalitx illi fid-decizjoni ta' tkeccija s-Socjeta` Ntimata esagerat b'mod vendikattiv u li ma kienx hemm hjiel ta' tort min-naha tas-Sur Davison [6] ; u

5. it-Tribunal ghandu jistabilixxi l-kumpens mhux id-danni, jigifieri mhux dak li minhabba li gara ma hax [7].

Fir-risposta tieghu r-Rikorrent issottometta li:

a. it-tezi tas-Socjeta` Ntimata, u cioe` dik illi t-Tribunal ghandu jistabilixxi l-kumpens mhux id-danni, hija zbaljata peress illi l-Ligi tghid illi l-kumpens illi jaghti t-Tribunal ghandu jaghti kaz tad-danni reali [8] ;

b. il-Ligi hija cara fit-tfassil tal-parametri u huwa gust li naghmlu hekk ghaliex jekk bhala employer se nitilqu bil-premessa li huwa konvenjenti li tittermina impjieg ghaliex fit-Tribunal fl-ahhar mill-ahhar se tehles bl-irhis dik hija impressjoni hazina u forsi wkoll konfortata b'gurisprudenza li kollha kemm hi ma hix konformi mal-Ligi [9] ;

c. peress illi s-Sur Davison lahaq l-eta` pensjonabbli t-Tribunal ma jistax jordna *reinstatement* [10] ;

d. l-Qorti tal-Appell qalet illi kien hemm nuqqas min-naha tar-rikorrent izda li tali nuqqas mhux ta' certu gravita` enormi u kien hemm sproporzjon bejn in-nuqqas tas-Sur Davison ghad-decizjoni ta' tkeccija; ghalhekk il-kumpens ma ghandux jonqos minhabba n-nuqqas minuri ta' l-appellant, anki ghaliex it-tkeccija ma messha ezistiet qatt [11] ;

[6] pagna 5 tat-traskrizzjoni tas-seduta tal-24 ta' Novembru 2016
[7] pagna 6 tat-traskrizzjoni tas-seduta tal-24 ta' Novembru 2016
[8] pagna 7 tat-traskrizzjoni tas-seduta tal-24 ta' Novembru 2016
[9] pagna 11 tat-traskrizzjoni tas-seduta tal-24 ta' Novembru 2016
[10] pagna 7 tat-traskrizzjoni tas-seduta tal-24 ta' Novembru 2016
[11] pagna 8 tat-traskrizzjoni tas-seduta tal-24 ta' Novembru 2016

e. l-fatt illi r-rikorrent lahaq l-eta` ta' l-irtirar ifisser illi s-Sur Davison sofra d-danni attwalment [12] ;

f. r-rikorrent sofra nuqqas fid-dhul mill-impjieg tieghu miz-zmien tat-tkeccija tieghu sa ma lahaq l-eta` pensjonabbli [13] ;

g. l-Ligi tezigi li l-kumpens jiehu in konsiderazzjoni wkoll l-eta` u l-hiliet ta' l-impjegat; fil-kaz tas-Sur Davison dan ma kienx kapaci jsib impjieg aktar remunerattiv minn dak illi sab peress illi meta tkecca kellu 57 sena u l-hiliet tieghu kienu fis-*Security*, fejn il-potenzjal illi tavvanza mhux qieghed hemmhekk [14] ;

h. minhabba t-tkeccija r-rikorrent tilef it-*termination benefits*, dam xahar bla xoghol, kif ukoll sofra pregudizzju fil-pensjoni tieghu [15] ; u

i. filwaqt illi jistqarr illi l-Ligi ma tipprovdix ghal danni morali, isostni li d-danni morali fil-kaz tieghu kienu serji sew, kemm fuq sahhtu kif ukoll fl-umiljazzjoni quddiem shabu – dal-episodju f'hajtu kien trawmatiku u baqa' ma rkuprax minnu [16].

Wara li t-Tribunal ezamina (a) il-process tat-Tribunal li kien deciz fl-4 ta' Gunju 2012, (b) is-sentenza shiha tas-27 ta' April 2016 ta' l-imsemmi Qorti tal-Appell, u (c) it-trattazzjonijiet ulterjuri tal-partijiet li saru fil-24 ta' Novembru 2016, jaghmel dawn il-kunsiderazzjonijiet:

il-Qorti tal-Appell iddecidiet illi t-tkeccija tas-Sur Davison mill-impjieg kienet ingusta u mhux skond il-ligi peress illi, " … m'hemmx proporzjonalita` bejn l-incident u t-tkeccija tal-appellant", " … ma jirrizultax li kien hemm hazen fl-appellant …" u "… cirkostanzi li jeskludu 'mala fede' fl-appellant" [17] ; l-istess Qorti qieset ukoll illi, "… t-Tribunal kien korrett li kkunsidra l-fattur tal-kariga li kien jokkupa l-appellant meta qies li naqas meta hareg oggett miz-zona tal-

[12] pagna 9 tat-traskrizzjoni tas-seduta tal-24 ta' Novembru 2016
[13] pagna 9 tat-traskrizzjoni tas-seduta tal-24 ta' Novembru 2016
[14] pagna 10 tat-traskrizzjoni tas-seduta tal-24 ta' Novembru 2016
[15] pagna 10 tat-traskrizzjoni tas-seduta tal-24 ta' Novembru 2016
[16] pagna 12 tat-traskrizzjoni tas-seduta tal-24 ta' Novembru 2016
[17] pagni 6 u 7 tas-Sentenza tal-Qorti

produzzjoni," u "… in-nuqqas ta' l-appellant illi jitlob permess qabel ma ha l-kolla u li n-natura tax-xoghol ezegwit mis-Socjeta` Appellata tirrikjedi li jkun hemm sigurta`. Ghalhekk jidher illi xi mizura ta' dixxiplina ghal dan-nuqqas kienet flokha." [18] ;

l-akkuza kienet ta' pussess minghajr awtorizzazzjoni ta' proprjeta` tal-Kumpanija minn impjegat illi kien imhallas biex jaqdi d-dmirijiet ta' 'Security Guard' [19];

il-Qorti tal-Appell iddikjarat illi, "dan ma kienx kaz ta' serq" [20] ;

minkejja l-esperjenza twila u l-kompetenza li s-Sur Davison kellu fis-Sigurta` dan kiser procedura ta' sigurta` li kellha l-Kumpanija. L-istess Senior Security Supervisor tieghu, is-Sur Steve Monreal, qallu, "Imma hemm xi raguni? X'fettillek?" [21]. Is-Sur Monreal qal lis-Sur Davison, " … iggghalnix naghmillek *search*". [22] Fir-rigward tas-Sur Davison is-Sur Monreal qal li s-Sur Davison, " Kien ta' l-affari tieghu. … Kien ta' xogholu," [23]; dawn l-attributi jindikaw illi s-Sur Davison kellu bizzejjed taghrif tal-materja tas-Sigurta` u maturita` bizzejjed biex ikun konxju l-hin kollu tal-konsegwenzi, anki ghalih innifsu, li nuqqas ta' *alertness* fil-harsien tas-sigurta` jkollu;

is-sigurta` hija ntrinsika fin-natura ta' l-operat tas-Socjeta` Ntimata [24] ;

[18] pagna 7 tas-Sentenza tal-Qorti
[19] Dok. A tar-Rikors tas-Sur Davison ipprezentat fil-Qorti Superjuri fit-02 ta' Lulju 2008
[20] pagna 6 tas-Sentenza tal-Qorti
[21] pagna 37 tat-traskrizzjoni tax-xiehda tas-Sur David Darmanin, Security Shift Controller, tas-seduta tas-26.4.2010
[22] pagna 8 tat-traskrizzjoni tax-xiehda tas-Sur Monreal tas-seduta tas-26.4.10.
[23] pagna 28 tat-traskrizzjoni tax-xiehda tas-seduta tas-26.4.2010
[24] "everyone is liable for searches including … the Managing Director mill-Ingilterra … kwalunkwe *waste* li jkun hemm fil-fabbrika jrid jigi accounted for"; u "… jkollna klijenti li anki l-*waste* ikunu jridu jaraw … qeghda fl-*Agreement* illi biex tiehu xi haga minn fuq ix-xoghol anke jekk tkun … *scrap* irid ikollok il-firma tal-*person in charge of Security*" – pagni 9 sa 11 tat-traskrizzjoni tax-xhieda tas-Sur Ronald Bonnici tas-seduta tat-02 ta' Frar 2009; u "Kellna … vizitatur fil-fabbrika … u kien irraporta li xi hadd hadlu … *biro* tieghu personali. Eventwalment

is-Sur Davison kien impjegat biex jezegwixxi d-dmirijiet u jassumi r-responsabbilta` ta' *Security Guard*;

is-Sur Davison kien jahdem mas-Socjeta` Ntimata fuq bazi *whole-time* u ghal zmien indefinit [25] ;

meta tkecca, is-Sur Davison kien fadallu erba' snin biex jilhaq l-eta` ta' l-irtirar; kellu 32 sena servizz, u dan bhala *Security Guard*, ma' De La Rue Currency and Security Print Ltd;

skont is-Sur Davison meta tkecca kien jaghmel qrib it-LM 13,000 fis-sena mad-De La Rue [26], u kieku baqa' jahdem sakemm ghalaq il-61 sena mas-Socjeta' Ntimata [27] kien jikkwalifika ghal beneficcju tat-tmiem ta' l-impjieg ta' bejn LM 6,000 u LM 7,000 [28] ; dac-cifri ma kienux ikkontestati;

skont ir-*records* ipprezentati mill-*Employment & Training Corporation* (ETC) lit-Tribunal hekk kif ippresjedut diversament is-Sur Davison dam tlett gimghat qieghed sakemm sab impjieg alternattiv wara li tkecca mid-De La Rue; id-data tat-tkeccija kienet 19.6.2008 u beda fl-impjieg il-gdid nhar il-14.7.2008; dar-*records* ma kienux ikkontestati;

l-impjieg illi s-Sur Davison sab wara li ma baqax mas-Socjeta` Ntimata kien jirrendilu "qisu Euro 1,000 fix-xahar" [29] ; dic-cifra ma kenitx ikkontestata;

---

saru … *searches* u … l-*biro* instabet fuq George Fava. U tkecca. Mifsud … inqabad li qed johrog minn gol-fabbrika xi bicca *pipe*, xi qanneb, u affarijiet hekk li jintuzaw biex jaghmlu l-*plumbing*. Valur ta' xi € 15 jew € 20 if not less. Tkecca "– pagni 15 sa 17 tat-traskrizzjoni tax-xiehda ta' Ms Agnes Agius tas-seduta tat-13 ta' Gunju 2011

[25] dokument ta' l-ETC nru 61287/08, mhux kontestat

[26] pagna 35 tat-traskrizzjoni tax-xiehda tas-Sur Davison tas-seduta tat-12.10.2009

[27] ma qalx hux bhala *Security Guard* jew grad inferjuri

[28] pagna 16 tat-traskrizzjoni tax-xiehda tas-Sur Davison tas-seduta tal-31.5.2010

[29] pagna 38 tat-traskrizzjoni tax-xiehda tas-seduta tat-12.10.2009

fin-Nota ta' osservazzjonijiet tieghu, ipprezentata fid-19.12.2011, is-Sur Davison qajjem il-punt illi t-tkeccija ppregudikat il-pensjoni tieghu [30] ; id-dokument dwar l-*Employment History* tas-Sur Davison mahrug mill-ETC igib id-data ta' Jannar 2010; dak id-dokument juri li wara l-impjieg tieghu ma' De La Rue, sa Jannar 2010, is-Sur Davison kien impjegat biss f'impjieg illi minnu kien jaqla' anqas mill-*emoluments* illi kellu ma' De La Rue; ma hux ippruvat illi wara Jannar 2010 s-Sur Davison ma sabx impjieg ahjar sakemm lahaq l-eta` ta' l-irtirar; mill-banda l-ohra, ghalkemm dan ma giex ippruvat, lanqas ma gie kkontestat ;

rigward il-pretensjoni tar-rikorrent ghal kumpens ghal danni morali, liema pretensjoni giet espressa mis-Sur Davison fin-nota ta' osservazzjoni, is-Socjeta' Ntimata ma kkontestatx dil-pretensjoni, avolja kellha l-opportunita' li taghmel dan waqt it-trattazzjonijiet ulterjuri; madankollu l-Ligi tirreferi ghal danni reali; fil-fehma ta' dan it-Tribunal hekk kif presjedud kieku l-Legizlatur ried jikkunsidra wkoll danni morali kien jaghmel tali kunsiderazzjoni b'mod esplicitu; ghalhekk, kif issottometta l-istess rikorrent, il-Ligi ma tipprovdix ghal danni morali;

rigward il-kumpens ghaldanni reali, il-Ligi tghid illi meta jistabilixxi l-ammont tal-kumpens it-Tribunal ghandu <u>jqis</u> id-danni reali (u telfien iehor); ma tghidx illi l-kumpens ghandu <u>jikkonsisti fi, u ekwivalenti ghad-danni reali</u> (u telfien iehor); (anki il-verzjoni bl-Ingliz tghid *shall take **into** consideration* mhux *shall take **as** consideration).*

## <u>**Osservazzjoni**</u>

Fir-rigward ta' l-argumenti tas-Sur Davison dwar kif fil-passat is-Socjeta` Ntimata ttrattat kazi fejn *Security Guards* naqsu minn dmirijiethom it-Tribunal hekk kif presjedut jifhem u japprezza

[30] pagna 12 tan-Nota

li l-Management ta' kumpanija hija attivita` dinamika u mhux statika; ghaldaqstant il-*policies* u d-diversi enfasi fuq aspetti/partijiet tal-*policies* jinbidlu minn zmien ghal zmien, anki meta jkun hemm tibdil fil-persuni li jokkupaw karigi gholjin kemm fl-azjendi f'Malta kif ukoll fil-Head Office ta' dawk il-kumpaniji li joperaw f'Malta u li huma membri ta' grupp ta' kumpaniji barranin, bhalma hi De La Rue Currency and Security Print Ltd; ghalhekk jista' jaghti l-kaz illi l-grad ta' gravita` ta' nuqqas ta' osservanza ta' regola f'certu zmien tista' tizdied, jew tonqos, fi zmien iehor; f'cirkustanzi ta' tibdil tali ta' *policies* jew aspetti taghhom il-kumpanija koncernata ghandha tavza lill-impjegati koncernati taghha bil-bidla fl-enfasi jew fil-*policy* nnifisha; izda mill-process li kkulmina fid-decizjoni tat-Tribunal tal-4 ta' Gunju 2012 u mill-process tal-Appell dan il-fattur – u cioe` li seta' kien hemm aktar enfasi fuq is-sigurta` li s-Socjeta` Ntimata riedet tara fiz-zmien ta'meta gara l-kaz li rrizulta fit-tkeccija tas-Sur Davison, meta mqabbel maz-zmien ta' meta fil-passat saru nuqqasijiet fis-sigurta' - ma ssemmiex mis-Socjeta` Ntimata, u lanqas mix-xhieda li tellghet, bhala fattur fid-decizjoni li hadet fil-konfront tas-Sur Davison u ghalhekk dat-Tribunal mhux se jaghti kaz ta' dal-fattur; rigward incidenti passati rilevanti ghal dil-Osservazzjoni hemm ix-xhieda tas-Sur Ronald Bonnici fil-pagni 16 sa 19 tat-traskrizzjoni tax-xhieda tas-seduta tat-02.02.2009, cioe`, "… ttiehdu wkoll in konsiderazzjoni … kazijiet li kien hemm qabel … ", ta' Ms Agnes Agius fil-pagni 4 sa 9 tat-traskrizzjoni tax-xhieda tas-seduta tat-13.6.2011, cioe`, "Fil-passat, f'kaz illi fih is-Security Guard Joseph Bartolo iffalsifika ricevuti ntbaghat lura bhala 'printer'", u f'kaz fejn Security Guard Mario Farrugia "ma kienx ghamel ix-xoghol tieghu kif suppost f'dak il-hinijiet ghaliex kieku kien jinzamm l-impjegat l-iehor milli johrog dawn id-dokumenti" s-Sur Farrugia "mmuvjajnih minn fejn kien gie".

**Decizjoni**

A bazi tat-thassir u r-revoka tad-decizjoni tat-Tribunal Industrijali tal-4 ta' Gunju 2012 mill-Qorti tal-Appell u a bazi tad-dikjarazzjoni u d-decizjoni ta' l-istess Qorti li t-tkeccija tas-Sur Davison kienet ingusta u mhux skont il-Ligi, kif ukoll mill-ezami illi ghamel tad-dokumentazzjoni ghad-dispozizzjoni tieghu kif imsemmi aktar 'il fuq, tat-trattazzjonijiet ulterjuri li saru miz-zewg partijiet, u l-kunsiderazzjonijiet illi silet u xtarr, dan it-Tribunal, fl-evalwazzjoni tieghu jaghti rimedju lis-Sur Davison billi, anki fl-impossibbilta` ta' kunsiderazzjoni ta' *reinstatement* tas-Sur Davison, peress illi l-eta` tas-Sur Davison illum hija aktar minn dik ta' l-irtirar u allura l-kunsiderazzjoni ta' *reinstatement* mhix prattika, u qed tigi eskluza, jordna lil De La Rue Currency and Security Print Ltd biex taghti kumpens lis-Sur Davison ta' **Euro 18,000 mhux aktar tard mill-31 ta' Jannar 2017**.

Ghall-finijiet ta' l-Artiklu 78 ta' l-Att dwar l-Impjiegi u r-Relazzjonijiet Industrijali ghal ragunijiet ta' differiment tas-seduta appuntata ghat-trattazzjonijiet ulterjuri u ghal ragunijiet amministrattivi dan it-Tribunal ma setax jghaddi ghad-decizjoni fi zmien aktar qasir.

B'hekk tintemm dil-Kwistjoni tax-Xoghol.

**(iffirmata)**

**Joseph Delia**
***Chairman***

**VERA KOPJA**

**Graziella Spiteri**
**Ghas-Segretarju**